**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Settembru 2019 – FIH Holding u FIH vs Il-Kummissjoni Ewropea**

**(Kawża T-386/14 RENV)** ([1])

***("Għajnuna mill-Istat – Settur bankarju – Għajnuna mogħtija lil FIH fil-forma ta' trasferiment tal-assi żvalutati tiegħu lil sussidjarja ġdida u tax-xiri sussegwenti tagħhom minn korp inkarigat li jiggarantixxi l-istabbiltà finanzjarja – Għajnuna mill-Istat favur banek f'perijodu ta' kriżi – Deċiżjoni li tiddikjara l-għajnuna kompatibbli mas-suq intern – Ammissabbiltà – Kalkolu tal-ammont tal-għajnuna – Żball manifest ta'evalwazzjoni")***

(2019/C 399/45)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* FIH Holding A/S (Kopenħagen, id-Danimarka) u FIH A/S, li kienet FIH Erhvervsbank A/S (Kopenħagen) (rappreżentant: O. Koktvedgaard, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Flynn, A. Bouchagiar u K. Blanck, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/884/UE, tal-11 ta' Marzu 2014, dwar għajnuna mill-Istat SA.34445 (12/C) implimentata mid-Danimarka għat-trasferiment tal-assi relatati mal-proprjetà minn FIH għall-FSC (ĠU 2014, L 357, p. 89).

**Dispożittiv**

1) *Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/884/UE, tal-11 ta' Marzu 2014, dwar għajnuna mill-Istat SA.34445 (12/C) implimentata mid-Danimarka għat-trasferiment tal-assi relatati mal-proprjetà minn FIH għall-FSC, hija annullata.*

2) *Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż tagħha kif ukoll dwak sostnuti minn FIH Holding A/S u FIH A/S.*

([1]) ĠU C 253, 4.8.2014.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Settembru 2019 – Achemos Grupė u Achema vs il-Kummissjoni Ewropea.**

**(Kawża T-417/16)** ([1])

***(Għajnuna mill-Istat – Għajnuna favur Klaipėdos Nafta għall-bini u l-ġestjoni ta' terminal tal-LNG fil port ta' Klaipėda – Deċiżjoni li tiddikjara l-għajnuna kompatibbli mas-suq intern – Artikolu 106(2) TFUE – Artikolu 107(3) (c) TFUE – Deċiżjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet – Sigurtà tal-provvista – Servizz ta' interess ekonomiku ġenerali)***

(2019/C 399/46)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Achemos Grupė UAB (Vilnius, il-Litwajna) u Achema AB (Jonava, il-Litwanja) (rappreżentanti: initialement R. Martens u C. Maczkovics, puis R. Martens u V. Ostrovskis, avukati)